TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 38/17/F

**Claire Schembri**

**vs**

**Peter Caruana għan-nom ta' Easy Life TV Direct Co. Ltd**

Illum 25 ta' Lulju, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Frar, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' disgħa u erbgħin ewro, u disgħin ċenteżmi (€49.90), rappreżentanti prezz ta' *vacuum cleaner* li wara li ntużat għal ftit, din ma baqgħetx taħdem.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendietx għas-seduta.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejjħa tlett darbiet ma dehritx għas-seduta, u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *vacuum cleaner* mingħand is-soċjeta' ntimata għal prezz ta' disgħa u erbgħin ewro, u disgħin ċenteżmi (€49.90), u wara ftit din il-*vaccum cleaner* ma baqgħetx taħdem.

It-Tribunal, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli, filwaqt illi l-intimat m'attendiex għas-seduta u għalhekk ma kkontestax din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' sebgħa u erbgħin ewro, u disgħin ċenteżmi (€47.90), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888